SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

tal-21 ta' Diċembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 98/59/KE — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar it-tkeċċijiet kollettivi — Artikolu 49 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 16 — Libertà tal-impriża — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkonferixxi lil awtorità amministrattiva s-setgħa li topponi tkeċċijiet kollettivi wara evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, tas-sitwazzjoni tal-impriża u tal-interess tal-ekonomija nazzjonali — Kriżi ekonomika gravi — Rata ta' qgħad nazzjonali partikolarment għolja"

Fil-Kawża C-201/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-Istat, il-Greċja), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' April 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' April 2015, fil-proċedura

Anonymi Geniki Etairia Tsimenton Iraklis (AGET Iraklis)

vs

Ypourgos Ergasias, Koinonikis Asfalisis kai Koinonikis Allilengyis,

fil-preżenza ta':

Enosi Ergazomenon Tsimenton Chalkidas,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, T. von Danwitz, J. L. da Cruz Vilaça, E. Juhász, M. Berger, A. Prechal (Relatur) u M. Vilaras, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, A. Borg Barthet, D. Šváby u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali : N. Wahl,

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' April 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Anonymi Geniki Etairia Tsimenton Iraklis (AGET Iraklis), minn C. Theodorou, A. Vagias, C. Synodinos, S. Staes Polet, A. Papastavrou, avukati, kif ukoll minn F. Montag, avukat, u F. Hoseinian, avukat,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

— għal Enosi Ergazomenon Tsimenton Chalkidas, minn E. Tzovla, avukat,

— għall-Gvern Elleniku, minn K. Georgiadis u A. Dimitrakopoulou, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Kellerbauer u H. Tserepa-Lacombe, bħala aġenti,

— għall-Awtorità ta' Sorveljanza AELE, minn C. Zatschler u M. Moustakali, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies [tkeċċijiet] kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn minn naħa Anonymi Geniki Etairia Tsimenton Iraklis (AGET Iraklis) (iktar 'il quddiem "AGET Iraklis") u min-naħa l-oħra l-Ypourgos Ergasias, Koinonikis Asfalisis kai Koinonikis Allilengyis (Ministru tax-xogħol, tas-sigurtà soċjali u tas-solidarjetà soċjali, iktar 'il quddiem il-"Ministru") dwar deċiżjoni li permezz tagħha dan tal-aħħar iddeċieda li ma jawtorizzax lil AGET Iraklis tipproċedi bi tkeċċija kollettiva.

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 98/59

3 Il-premessi 1 sa 4 u 7 tad-Direttiva 98/59 huma fformulati kif ġej:

"(1) Billi għar-raġunijet ta' ċarezza u razzjonalità d-Direttiva tal-Kunsill 75/129/KEE tas-17 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' redundancies [tkeċċijiet] kollettivi (ĠU 1975, L 48, p. 29) għandhom jiġu konsolidati;

(2) Billi huwa importanti li jkun hemm iżjed protezzjoni għall-ħaddiema fil-każ ta' redundancies [tkeċċijiet] kollettivi waqt li jittieħed kont tal-bżonn ta' żvilupp ibbilancjat ekonomiku u soċjali fil-Komunità;

(3) Billi, minkejja ż-żieda ta' konverġenza, jibqgħu differenzi bejn id-disposizzjonijiet fl-Istati Membri dwar l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri għal din ir-redundancy [tkeċċija] u l-miżuri intenzjonati biex iserrħu mill-konsegwenzi tar-redundancy tal-ħaddiema;

(4) Billi dawn id-differeni jistgħu jkollom effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern;

[...]

(7) Billi din l-approssimazzjoni għandha għalhekk tiġi promossa filwaqt li t-titjib qed jinżamm fit-tifsira ta' l-Artikolu 117 tat-Trattat."

4 Intitolata “L-informazzjoni u l-konsultazzjoni”, it-Taqsima II tad-Direttiva 98/59 hija magħmula mill-Artikolu 2 tagħha, dispożizzjoni li tipprovdi:

“1. Meta dak li jħaddem ikun qed jikkontempla redundancies [tkeċċijiet] kollettivi, huwa għandu jibda konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi żmien tajjeb bl-iskop li jintlaħaq ftehim.

2. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom, mill-inqas, ikopru mezzi u miżuri li jevitaw redundancies kollettivi jew tnaqqis ta’ numri ta’ impjegati affettwati, u biex jiftaffew il-konsegwenzi billi jkun hemm rikors għal miżuri soċjali magħhom immirati, *inter alia*, li jgħinu għall-impjieg jew it-taħriġ mll-ġdid tal-ħaddiema mingħajr xogħol.

[...]

3. Sabiex jgħinu r-rappreżentanti tal-ħaddiema biex jagħmlu proposti kostruttivi, min iħaddem għandu fi żmien tajjeb matul il-konsultazzjonijiet:

a) ifornihom bl-informazzjoni rilevanti kollha u

b) f’kull każ jagħtihom notifka bil-miktub:
   i) tar-raġunijiet għar-redundancies ipproġettati;
   ii) tan-numri tal-kategoriji ta’ ħaddiema li se jisfgħu bla xogħol;
   iii) tan-numri u l-kategoriji tal-ħaddiema normalment impjegati;
   iv) tal-perijodu meta r-redundancies ipproġettati għandhom jiġu effettwati;
   v) tal-kriterji proposti għas-selezzjoni tal-ħaddiema li se jisfgħu bla xogħol sakemm u safejn il-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali jagħtu l-poter għal dan lil min iħaddem;
   vi) tal-metodu għall-kalkolu ta’ xi pagamenti tar-redundancy ta’ xort’oħra minn dawk ikkawżati mill-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali.

Min iħaddem għandu jgħaddi lill-awtorità pubblika kompetenti kopja ta’, mill-inqas, l-elementi tal-kommunikazzjoni bil-miktub li hemm previsti fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), is-subpunti (i) sa (v).

[...]”

5 Intitolata “Il-proċedura għal redundancies [tkeċċijiet] kollettivi”, it-Taqsima III tad-Direttiva 98/59 hija magħmula mill-Artikoli 3 u 4 tagħha.

6 L-Artikolu 3 ta’ din id-direttiva jipprovdi:

“1. Kull min iħaddem għandu jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar kull pjan ta’ redundancies kollettivi.

[...]

Din in-notifika għandu jkollha l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna r-redundancies kollettivi u l-konsultazzjonijiet ippjanati mar-rappreżentanti tal-ħaddiema previsti fl-Artikolu 2, u partikolarment ir-raġunijiet għar-redundancy, in-numru ta’ ħaddiema li ser jisfgħu mingħajr xogħol, in-numru ta’ ħaddiema normalment impjegati u l-perijodu li fih il-redundancy għandu jiġi effettwat.

2. Min iħaddem għandu jgħaddi lir-rapreżentanti tal-ħaddiema kopja tan-notifika prevista fil-paragrafu 1.

Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jibgħatu xi kummenti li jista’ jkollhom lill-awtorità pubblika kompetenti.

7 L-Artikolu 4(1) sa (3) tad-Direttiva 98/59 jipprovdi:

"1. Il-redundancies [It-tkeċċijiet] kollettivi pproġettati nnotifikati lill-awtorità pubblika kompetenti m'għandhomx iseħħu qabel 30 ġurnata wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 3(1) bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet individwali fir-rigward ta' l-avviż tat-tkeċċija mix-xogħol.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-poter lill-awtorità pubblika kompetenti sabiex tnaqqas il-perijodu msemmi fis-subparagrafu preċedenti.

2. Il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża mill-awtorità pubblika kompetenti sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi kkawżati mir-redundancies kollettivi proġġettati.

3. Meta l-perijodu inizjali previst fil-paragraph 1 huwa iqsar minn 60 ġurnata, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-poter lill-awtorià pubblika kompetenti biex testendi l-perijodu inizjali ta' 60 ġurnata wara n-notika meta l-problemi kkawżati mill-pjanijiet proġettati ta' redundancies kollettivi x'aktarx ma tinstabx soluzzjoni għalihom fil-perijodu inizjali.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-awtorità pubblika kompetenti poteri iktar wiesa' ta' estenzjoni.

Min iħaddem għandu jkun infurmat bl-estenzjoni u l-bażi tagħha qabel ma jiskadi l-perijodu tal-bidu msemmi fil-paragrafu 1.

8 Fit-Taqsima IV tad-Direttiva 98/59, intitolata "Dispożizzjonijiet finali", l-Artikolu 5 tagħha jipprovdi:

"Din id-Direttiva ma għandiex taffetwa d-dritt ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi li huma iktar favorevoli għal ħaddiema jew li jippromovu jew li jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehim kollettivi iktar favorevoli għall-ħaddiema."

Id-dritt Grieg

9 Intitolat "Obbligu ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-persuna li timpjega", l-Artikolu 3 tan-Nomos Nru°1387/1983 Elenchos Omadikon apolyseon kai alles diataxeis (Liġi Nru 1387/1983 dwar it-tkeċċijiet kollettivi u dispożizzjonijiet oħra), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 1387/1983"), jipprovdi:

"1. Qabel kwalunkwe tkeċċija kollettiva, il-persuna li timpjega għandha tikkonsulta lir-rappreżentanti tal-ħaddiema sabiex tiġi eżaminata l-possibbiltà li jiġu evitati jew li jitnaqqsu t-tkeċċijiet u l-konsegwenzi negattivi tagħhom."

2. Il-persuna li timpjega għandha:

a) tipprovdi lir-rappreżentanti tal-ħaddiema l-informazzjoni rilevanti kollha u

b) tinnotifikahom bil-miktub dwar:
   aa) ir-raġunijiet għat-tkeċċijiet ipproġettati;
   bb) in-numru u l-kategoriji ta' ħaddiema mhedda;
   cc) in-numru u l-kategoriji tal-ħaddiema normalment impjegati;
   dd) il-perijodu meta għandhom iseħħu t-tkeċċijiet ipproġettati;
   ee) il-kriterji għall-għażla tal-ħaddiema li se jiġu mkeċċija.

[...]

3. Kopji ta' dawk id-dokumenti għandhom jiġu sottomessi mill-persuna li timpjega lill-prefett u lill-ispettur tax-xogħol. Jekk l-impriża jew l-unità operattiva għandha friegħi f'iktar minn prefettura waħda, id-dokumenti inkwistjoni għandhom jiġu sottomessi lill-Ministru tax-Xogħol u lill-Ispettorat tax-Xogħol responsabbli għaż-żona fejn jinsabu l-unità jew il-fergħa operattiva fejn it-tkeċċijiet kollha jew il-biċċa l-kbira tagħhom huma skedati li jseħħu."

10 Intitolat "Proċedura għat-tkeċċijiet kollettivi", l-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 1387/1983 jipprovdi:

"1. Il-perijodu ta' konsultazzjoni bejn il-ħaddiema u l-persuna li timpjega għandu jkun ta' 20 jum li jibda mid-data tal-istedina tal-persuna li timpjega għall-konsultazzjoni indirizzata lir-rappreżentanti tal-ħaddiema [...]. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet għandu jitniżżel fil-minuti ffirmati miż-żewġ partijiet u sottomessi mill-persuna li timpjega lill-prefett jew lill-Ministru tax-Xogħol, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(3).

2. Jekk ikun hemm ftehim bejn il-partijiet [...], it-tkeċċijiet kollettivi għandhom isiru skont il-kontenut tal-ftehim kollettiv [...]

3. Jekk ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, il-prefett jew il-Ministru tax-Xogħol jistgħu, b'deċiżjoni mmotivata maħruġa fi żmien għaxart ijiem mid-data meta l-minuti msemmija jiġu sottomessi u wara li jitqiesu d-dokumenti fil-fajl u jiġu evalwati l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, is-sitwazzjoni tal-impriża u l-interessi tal-ekonomija nazzjonali, jew jestendu l-konsultazzjonijiet għal 20 jum addizzjonali wara talba minn waħda mill-partijiet interessati jew ma jawtorizzawx uħud jew it-tkeċċijiet kollettivi kollha pproġettati. Qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni msemmija, il-prefett jew il-Ministru tax-Xogħol jista' jitlob opinjoni mill-Epitropi Ipourgiou Ergasias (Kumitat tal-Ministeru tax-Xogħol) li jinsab f'kull prefettura jew mill-Anotato Symvoulio Ergasias (Kunsill Suprem tax-Xogħol) rispettivament. Dawn il-korpi konsultattivi, il-prefett jew il-Ministru tax-Xogħol jistgħu jsejħu quddiemhom u jisimgħu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema fis-sens tal-Artikolu 4 u l-persuna li timpjega ikkonċernata, kif ukoll persuni li għandhom għarfien speċjalizzat dwar kwstjonijiet tekniċi individwali.

4. Il-persuna li timpjega tista' tagħmel tkeċċijiet kollettivi sa fejn huwa hekk speċifikat fid-deċiżjoni tal-prefett jew tal-Ministru tax-Xogħol. Jekk ma tittieħed ebda deċiżjoni bħal dik fit-termini preskritti, it-tkeċċijiet kollettivi għandhom isiru sa fejn huwa miftiehem mill-persuna li timpjega matul il-konsultazzjonijiet."

11 L-Artikolu 6(1) tal-liġi Nru 1387/1983, jipprovdi li "it-tkeċċijiet kollettivi li jseħħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi għandhom ikunu invalidi".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 AGET Iraklis, li l-azzjonist prinċipali tagħha huwa l-grupp multinazzjonali Franċiż, Lafarge, tipproduċi siment fi tliet fabbriki li jinsabu, rispettivament, f'Agria Volou, f'Aliveri u f'Chalkida (il-Greċja).

13 Matul il-perijodu li għadda bejn Novembru 2011 u Diċembru 2012, AGET Iraklis, f'diversi drabi, stiednet lill-ħaddiema tal-fabbrika tagħha ta' Chaldika għal laqgħat sabiex jiġu ppjanati adattamenti tal-attivitajiet fi ħdan din il-fabbrika fid-dawl tat-tnaqqis fit-talba għal siment, filwaqt li jiġu evitati t-tkeċċijiet kollettivi.

14 Filwaqt li invoka, b'mod partikolari, tnaqqis fl-attivitajiet ta' kostruzzjoni fir-reġjun ta' Attiki (il-Greċja) u l-eżistenza ta' kapaċità ta' produzzjoni żejda kif ukoll il-bżonn li tinżamm il-vijabbiltà tal-impriża u l-kundizzjonijiet tal-iżvilupp tal-attivitajiet tal-grupp kemm fuq is-suq Grieg kif ukoll barra mill-Greċja, il-bord tad-diretturi ta' AGET Iraklis, permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2013,

approva pjan ta' ristrutturazzjoni li jipprovdi t-twaqqif definittiv tal-fabbrika ta' Chaldika, li dak iż-żmien kienet timpjega 236 ħaddiem, kif ukoll fokalizzazzjoni tal-produzzjoni fiż-żewġ fabbriki l-oħra permezz ta' żieda fil-produzzjoni ta' dawn.

15 Permezz ta' ittri tas-26 ta' Marzu u tal-1 ta' April 2013, AGET Iraklis stiednet lil Enosi Ergazomenon Tsimenton Chalkidas (sindakat rappreżentanti tal-ħaddiema tal-fabbrika ta' Chaldika, iktar 'il quddiem is-"sindakat") għal laqgħat li kellhom jinżammu, rispettivament, fid-29 ta' Marzu u fl-4 ta' April 2013, sabiex tiġi kkomunikata informazzjoni dwar ir-raġunijiet li wasslu għall-adozzjoni tal-pjan imsemmi iktar 'il fuq u dwar il-metodi tat-tkeċċijiet intiżi kif ukoll dwar il-konsultazzjoni dwar il-possibbiltajiet li jiġu evitati jew imnaqqsa t-tkeċċijiet u l-konsegwenzi negattivi tagħhom.

16 Peress li s-sindakat ma wieġeb għall-ebda waħda miż-żewġ stediniet, AGET Iraklis, fis-16 ta' April 2013, talbet lill-Ministru japprova l-pjan tal-proġett ta' tkeċċija kollettiva inkwistjoni.

17 Id-direttorat tal-impjieg tal-Ministeru tax-xogħol lesta rapport li jieħu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, is-sitwazzjoni tal-impriża u l-interess tal-ekonomija nazzjonali filwaqt li rrakkomanda ċ-ċaħda ta' din it-talba minħabba n-nuqqas ta' pjan ta' integrazzjoni tal-ħaddiema kkonċernati f'fabbriki oħra ta' AGET Iraklis u minħabba li l-istatistika tal-Uffiċċju Elleniku tal-impjieg turi rata ta' qgħad dejjem iktar għolja.

18 Fl-opinjoni tiegħu mogħtija fuq talba tal-Ministru, il-Kunsill Suprem tax-Xogħol, wara li sema' lil AGET Iraklis u lis-sindakat, ta opinjoni kontra l-awtorizzazzjoni tal-proġett ta' tkeċċija kollettiva inkwistjoni, billi kkunsidra li l-motivazzjoni ta' dan tal-aħħar ma kinitx suffiċjenti, sa fejn, b'mod partikolari, in-natura neċessarja tat-tkeċċijiet intiżi ma kinitx ġiet sostanzjata minn provi konkreti u ddettaljati u sa fejn l-argumenti invokati minn AGET Iraklis kienu jidhru vagi wisq.

19 Filwaqt li bbaża ruħu fuq l-imsemmija opinjoni, il-Ministru, fis-26 ta' April 2013, iddeċieda li ma jawtorizzax dan il-proġett ta' tkeċċija kollettiva.

20 Insostenn tar-rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni li hija ppreżentat quddiem is-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat, il-Greċja), AGET Iraklis issostni, b'mod partikolari, li l-Artikolu 5(3) tal-Liġi Nru 1387/1983, li abbaži tiegħu ġiet adottata l-imsemmija deċiżjoni, jikser kemm id-Direttiva 98/59 kif ukoll l-Artikoli 49 u 63 TFUE, moqrija flimkien mal-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

21 L-imsemmija qorti hija tal-opinjoni li, minkejja li s-sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva bħal dik li tistabbilixxi l-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali ma hijiex prevista mid-Direttiva 98/59, tali miżura tista', peress li hija iktar favorevoli għall-ħaddiema minn dawk id-dispożizzjonijiet previsti minn din id-direttiva, issib bażi fl-Artikolu 5 ta' din tal-aħħar.

22 Fl-ipoteżi li dan ikun il-każ, din l-istess qorti għandha, madankollu, dubji fir-rigward tal-punt dwar jekk huwiex kompatibbli mal-għanijiet u l-effettività tad-Direttiva 98/59 li l-għoti ta' tali awtorizzazzjoni jkun jiddependi minn kriterji bħall-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-interess tal-ekonomija nazzjonali, sa fejn tali kriterji, anki jekk huma relatati mal-għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali li huma l-ġlieda kontra l-qgħad u l-iżvilupp ekonomiku nazzjonali, huma suxxettibbli li jwasslu, fl-istess ħin, għal differenzi fl-Istati Membri, għal tibdil tal-proċeduri tal-informazzjoni u ta' konsultazzjoni previsti minn din id-direttiva bi proċedura ta' awtorizzazzjoni u għal restrizzjoni sproporzjonata tal-libertà tal-impriża tal-persuna li timpjega.

23 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju hija tal-opinjoni li, fid-dawl tan-natura transkonfinali tas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirriżulta mill-fatt li AGET Iraklis tagħmel parti minn grupp multinazzjonali Franċiż, l-Artikoli 49 u 63 TFUE ukoll jistgħu japplikaw f'dan il-każ. F'dan ir-rigward, dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija, minħabba l-importanza tar-restrizzjoni li toħloq għal-libertà ta' ġestjoni tal-impriżi, ta' natura li tiskoraġġixxi,

b'mod potenzjalment kunsiderevoli, l-eżerċizzju, mill-operaturi stabbiliti fi Stati Membri, tal-libertajiet iggarantiti minn dawn l-artikoli. L-imsemmija qorti tirreleva wkoll li d-dispożizzjonijiet tal-Karta, u, b'mod partikolari, l-Artikolu 16 tagħha, li jistabbilixxi l-libertà tal-impriża, huma intiżi li japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni.

24 Madankollu tqum il-kwistjoni dwar jekk, minkejja dan l-impatt potenzjali fuq l-imsemmija libertajiet u fuq il-libertà tal-impriża, tali ostakolu jistax, unikament fi preżenza ta' kriżi ekonomika gravi akkompanjata minn rata ta' qgħad inabitwalment għolja li toqrob, fil-Greċja, għas-27 %, jibbenefika minn ġustifikazzjonijiet ibbażati fuq raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, b'mod partikolari skont il-politika tal-impjieg fejn l-Istati Membri għad għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa.

25 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Regola tad-dritt nazzjonali, bħall-Artikolu 5(3) tal-Liġi 1387/1983, li tissuġġetta t-tkeċċiji kollettivi f'impriża partikolari għal awtorizzazzjoni mill-Amministrazzjoni maħruġa abbażi tal-kriterji: a) tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, b) tas-sitwazzjoni tal-impriża u ċ) tal-interess tal-ekonomija nazzjonali, hija b'mod partikolari konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59/KE u, ġeneralment mal-Artikoli 49 u 63 TFUE?

2) Fl-ipoteżi ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, regola tad-dritt nazzjonali ta' tali kontenut hija konformi, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59/KE u, ġeneralment, mal-Artikoli 49 u 63 TFUE meta jeżistu raġunijiet soċjali serji, bħal kriżi ekonomika gravi u livell ta' qgħad partikolarment għoli?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

26 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li ssir taf, essenzjalment, jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59 u/jew dawk tal-Artikoli 49 u 63 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li abbażi tagħha, persuna li timpjega, fl-assenza ta' ftehim mar-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar proġġett ta' tkeċċija kollettiva, tista' tipproċedi b'tali tkeċċija biss bil-kundizzjoni li l-awtorità pubblika nazzjonali kompetenti li għandha tiġi nnotifikata b'tali proġett ma tadottax, fit-terminu previst mill-imsemmija leġiżlazzjoni u wara li teżamina l-fajl u tevalwa l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, tas-sitwazzjoni tal-impriża kif ukoll tal-interess tal-ekonomija nazzjonali, deċiżjoni motivata li ma tawtorizzax it-twettiq tat-tkeċċijiet previsti kollha jew uħud minnhom.

Fuq id-Direttiva 98/59

27 Mill-premessa 2 tad-Direttiva 98/59 jirriżulta li din tfittex li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' tkeċċijiet kollettivi. Skont il-premessi 3 u 7 ta' din id-direttiva, huma partikolarment id-differenzi li jeżistu bejn id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri, għal dak li jikkonċerna l-miżuri li jtaffu l-konsegwenzi ta' tkeċċijiet kollettivi, li għandhom ikunu s-suġġett ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-55/02, EU:C:2004:605, punt 52).

28 Fir-rigward tal-għan prinċipali tad-Direttiva 98/59, jiġifieri li t-tkeċċijiet ikunu ppreċeduti minn konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u li l-awtorità pubblika kompetenti tiġi informata, għandu jitfakkar li, minn naħa, skont l-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, il-konsultazzjonijiet huma dwar il-possibbiltajiet li jiġu evitati jew li jitnaqqsu t-tkeċċijiet kollettivi kif ukoll dwar il-possibbiltajiet

li jittaffew il-konsegwenzi billi jkun hemm rikors għal miżuri soċjali magħhom immirati, b'mod partikolari, li jgħinu għall-impjieg jew għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema mkeċċija. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikoli 2(3) u 3(1) tal-imsemmija direttiva, il-persuna li timpjega għandha tinnotifika kull pjan ta' tkeċċija kollettiva lill-awtorità pubblika u tittrażmettilha l-elementi u l-informazzjoni msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009, Rodríguez Mayor *et*, C-323/08, EU:C:2009:770, punti 43 u 44).

29 Id-Direttiva 98/59, u bħalha, qabel, id-Direttiva 75/129, li ssostitwixxiet, jiggarantixxu biss, b'dan il-mod, armonizzazzjoni parzjali tar-regoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' tkeċċijiet kollettivi, jiġifieri l-proċedura li għandha tiġi segwita meta jsiru tali tkeċċijiet kollettivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009, Rodríguez Mayor *et*, C-323/08, EU:C:2009:770, punt 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 Għalhekk, la d-Direttiva 98/59 u lanqas, qabilha, id-Direttiva 75/129 ma jipprekludu l-libertà tal-persuna li timpjega li twettaq jew ma twettaqx tkeċċijiet kollettivi (ara, rigward id-Direttiva 75/129, sentenzi tat-12 ta' Frar 1985, Dansk Metalarbejderforbund u Specialarbejderforbundet i Danmark, 284/83, EU:C:1985:61, punt 10, kif ukoll tas-7 ta' Settembru 2006, Agorastoudis *et*, C-187/05 sa C-190/05, EU:C:2006:535, punt 35).

31 L-imsemmija direttivi ma jippreċiżawx b'mod partikolari ċ-ċirkustanzi meta l-persuna li timpjega għandha tikkunsidra t-tkeċċijiet kollettivi u bl-ebda mod ma jaffettwaw il-libertà ta' deċiżjoni tagħha fir-rigward ta' jekk u meta għandu jħejji pjan ta' tkeċċija kollettiva (ara, rigward id-Direttiva 75/129, sentenza tat-12 Frar 1985, Dansk Metalarbejderforbund u Specialarbejderforbundet i Danmark, 284/83, EU:C:1985:61, punt 15).

32 Għalkemm, bl-armonizzazzjoni tar-regoli applikabbli għat-tkeċċijiet kollettivi, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni, kemm li jiżgura l-protezzjoni komparabbli tad-drittijiet tal-ħaddiema fl-Istati Membri differenti kif ukoll li jqarreb l-oneri li jirriżultaw minn dawn ir-regoli ta' protezzjoni għall-impriżi tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, sentenza tad-9 ta' Lulju 2015, Balkaya, C-229/14, EU:C:2015:455, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata), xorta jibqa' l-fatt li mill-Artikolu 1(1) u mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/59 jirriżulta li din hija intiża, f'dan ir-rigward, sabiex tistabbilixxi protezzjoni minimali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' tkeċċijiet kollettivi, fejn l-Istati Membri jibqgħu liberi li jadottaw miżuri nazzjonali li huma iktar favorevoli għall-imsemmija ħaddiema (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, Confédération générale du travail *et*, C-385/05, EU:C:2007:37, punt 44).

33 Minn dak kollu li jippreċedi jirriżulta li, kif irreleva l-Avukat Ġenerali fil-punt 30 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kundizzjonijiet sostantivi li hija suġġetta għalihom, skont il-każ, il-possibbiltà għall-persuna li timpjega li tipproċedi jew le bi tkeċċijiet kollettivi ma jaqgħux, fil-prinċipju, taħt l-applikazzjoni tad-Direttiva 98/59 u, konsegwentement, jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

34 Minn dan isegwi, bl-istess mod, li l-imsemmija direttiva ma tistax, bħala prinċipju, tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi sistema nazzjonali milli tikkonferixxi lil awtorità pubblika s-setgħa li twaqqaf tali tkeċċijiet permezz ta' deċiżjoni motivata adottata wara eżami tal-fajl u t-teħid inkunsiderazzjoni ta' kriterji sostantivi ddeterminati minn qabel.

35 Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat, f'dan ir-rigward, li dan kien ikun differenti, eċċezzjonalment, fl-ipoteżi fejn tali sistema nazzjonali jkollha, fid-dawl tal-metodi iktar preċiżi tagħha jew tal-mod kif tiġi implementata korrettament mill-awtorità pubblika kompetenti, l-effett li ċċaħħad id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 sa 4 tad-Direttiva 98/59 mill-effettività tagħhom.

36 Fil-fatt, kif iddeċidiet ripetutament il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm huwa minnu li d-Direttiva 98/59 tiżgura biss armonizzazzjoni parzjali tar-regoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' tkeċċijiet kollettivi, xorta jibqa' l-fatt li n-natura limitata ta' armonizzazzjoni bħal din ma jistax ikollha

l-konsegwenza li tneħħi l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tad-Direttiva 75/129, sentenza tat-8 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-383/92, EU:C:1994:234, punt 25, u, fir-rigward tad-Direttiva 98/59, sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Mono Car Styling, C-12/08, EU:C:2009:466, punt 35).

37 Għaldaqstant, Stat Membru ma jistax, b'mod partikolari, jadotta miżura nazzjonali, li, minkejja li tkun ta' natura li tiggarantixxi livell imsaħħaħ tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema kontra t-tkeċċijiet kollettivi jkollha, madankollu, il-konsegwenza li ċċaħħad lill-Artikoli 2 sa 4 tal-imsemmija direttiva mill-effettività tagħhom.

38 L-istess ikun japplika fil-każ ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta t-tkeċċijiet kollettivi għall-kunsens preliminari ta' awtorità pubblika li, minħabba, pereżempju, kriterji li fir-rigward tagħhom l-imsemmija awtorità tkun mitluba tiddeċiedi jew tal-mod kif din tinterpetahom u tapplikahom konkretament, kwalunkwe possibbiltà effettiva għall-persuna li timpjega li tipproċedi b'tali tkeċċijiet kollettivi tkun, fil-prattika, eskluża.

39 Fil-fatt, kif diġà rrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59 jimponi obbligu ta' negozjazzjoni (sentenza tas-27 ta' Jannar 2005, Junk, C-188/03, EU:C:2005:59, punt 43). Mit-termini ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-konsultazzjonijiet li għandhom jitwettqu għandhom isiru bil-għan li jintlaħaq ftehim, ikunu dwar tal-inqas il-possibbiltajiet li jiġu evitati jew jitnaqqsu t-tkeċċijiet kollettivi proposti kif ukoll dwar il-possibbiltajiet li jitnaqqsu l-konsegwenzi tagħhom permezz tar-rikors għal miżuri soċjali ta' akkompanjament u għandhom jippermettu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema jifformulaw proposti kostruttivi abbażi ta' serje ta' informazzjoni li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom mill-persuna li timpjega.

40 Min-naħa tagħhom, l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 98/59 jipprovdu li l-proġetti ta' tkeċċijiet kollettivi għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità pubblika kompetenti u li tali tkeċċijiet jistgħu jidħlu fis-seħħ biss wara li jiskadi ċertu terminu li din l-awtorità għandha tiddedika sabiex jitfittxu soluzzjonijiet għall-problemi li joħolqu t-tkeċċijiet kollettivi hemm proposti.

41 Tali dispożizzjonijiet li, kif tfakkar fil-punti 27 u 32 ta' din is-sentenza, huma intiżi b'mod partikolari sabiex isaħħu l-protezzjoni tal-ħaddiema filwaqt li japprossimaw l-oneri li joħolqu dawn ir-regoli ta' protezzjoni għall-impriżi, huma bbażati manifestament fuq il-preżunzjoni li tkeċċijiet kollettivi għandhom, ladarba eżawriti l-proċeduri stabbiliti minn dawn id-dispożizzjonijiet u li, inkluż fl-ipoteżi fejn il-konsultazzjonijiet ma ppermettewx li jintlaħaq ftehim, tal-anqas jibqgħu possibbli, anki jekk bil-kundizzjoni li barra minn hekk jiġu ssodisfatti ċerti oġġettivi li jkunu, skont il-każ, stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

42 F'dan ir-rigward, AGET Iraklis b'mod partikolari sostniet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-awtorità pubblika kompetenti sistematikament opponiet il-proġetti ta' tkeċċija kollettiva li ġew innotifikati lilha, li b'mod partikolari kellu l-konsegwenza li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jastjenu spiss, kif kien il-każ fil-kuntest tal-kawża prinċipali, milli jipparteċipaw għal konsultazzjonijiet intiżi sabiex isir sforz sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-possibbiltajiet li jiġu evitati jew imnaqqsa t-tkeċċijiet u li jittaffew il-konsegwenzi tat-tkeċċija.

43 Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha l-informazzjoni utli f'dan ir-rigward, li għandha, jekk ikun hemm lok, tivverifika jekk, abbażi tat-tliet kriterji ta' evalwazzjoni mfakkra fil-punt 26 ta' din is-sentenza li fid-dawl tagħhom l-awtorità pubblika kompetenti għandha tiddeċiedi dwar il-proġetti ta' tkeċċijiet kollettivi nnotifikati lilha u tal-mod kif din l-awtorità tapplika konkretament l-imsemmija kriterji, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhiex il-konsegwenza li kwalunkwe possibbiltà effettiva għall-persuna li tħaddem li tipproċedi bit-tkeċċijiet kollettivi tkun, fil-prattika, eskluża, b'mod li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/59 isibu ruħhom imċaħħda mill-effettività tagħhom.

44 Fid-dawl ta' dak kollu li jippreċedi, ir-risposta għall-ewwel parti tal-ewwel domanda għandha tkun li d-Direttiva 98/59 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li abbażi tagħha persuna li timpjega tista', fl-assenza ta' ftehim mar-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar proġett ta' tkeċċija kollettiva, tipproċedi b'tali tkeċċija biss bil-kundizzjoni li l-awtorità pubblika nazzjonali kompetenti li għandha tiġi nnotifikata b'dan il-proġett ma tadottax, fit-terminu previst mill-imsemmija leġiżlazzjoni u wara eżami tal-fajl u evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, tas-sitwazzjoni tal-impriża kif ukoll tal-interess tal-ekonomija nazzjonali, deċiżjoni motivata li ma tawtorizzax it-twettiq ta' parti mit-tkeċċijiet proposti jew it-tkeċċijiet kollha. Ikun differenti jekk ikun il-każ, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, li, fid-dawl tat-tliet kriterji ta' evalwazzjoni li tirreferi għalihom din il-leġiżlazzjoni u tal-applikazzjoni konkreta tagħha li twettaq l-imsemmija awtorità pubblika taħt l-istħarriġ tal-qrati kompetenti, l-imsemmija leġiżlazzjoni jkollha l-konsegwenza li ċċaħħad id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva mill-effettività tagħhom.

Fuq l-Artikoli 49 u 63 TFUE

– Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 49 TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment, u/jew tal-Artikolu 63 TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital, u dwar l-eżistenza ta' restrizzjoni ta' xi waħda minn dawn il-libertajiet

45 Il-libertà ta' stabbiliment li l-Artikolu 49 TFUE jirrikonoxxi liċ-ċittadini tal-Istati Membri u li tinkludi d-dritt li jinbdew u jiġu eżerċitati attivitajiet minn persuna li taħdem għal rasha, kif ukoll li jinħolqu u jitmexxew impriżi, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk iddefiniti fil-liġijiet tal-Istat Membru ta' stabbiliment, għaċ-ċittadini tiegħu, tinkludi, skont l-Artikolu 54 TFUE, għall-kumpanniji stabbiliti skont il-liġijiet ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat jew it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali ġewwa l-Unjoni, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' sussidjarja, ta' fergħa jew ta' aġenzija (ara, b'mod partikolari, sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer, C-446/03, EU:C:2005:763, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

46 B'hekk, b'mod partikolari, taqa' taħt il-libertà ta' stabbiliment is-sitwazzjoni fejn kumpannija stabbilita fi Stat Membru toħloq sussidjarja fi Stat Membru ieħor. L-istess japplika, skont ġurisprudenza stabbilita, meta tali kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor tikseb, fil-kapital ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, sehem li jippermettilha teżerċita influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' din il-kumpannija u li tiddetermina l-attivitajiet tagħha (ara, f'dan is-sens, sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2010, Idryma Typou, C-81/09, EU:C:2010:622, punt 47 u ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-244/11, EU:C:2012:694, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Dan huwa l-każ fil-kawża prinċipali, peress li, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-grupp multinazzjonali Lafarge, li għandu s-sede tiegħu fi Franza, iżomm f'AGET Iraklis sehem li jagħmlu l-azzjonist prinċipali ta' din tal-aħħar u li AGET Iraklis ippreċiżat, f'dan ir-rigward, matul is-seduta, b'risposta għal domanda tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-imsemmi sehem kien jitla', fiż-żmien meta ppreparat il-proġett ta' tkeċċijiet inkwistjoni, għal 89 % tal-kapital tagħha.

48 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta' "restrizzjoni" fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE jirrigwarda, b'mod partikolari, il-miżuri kollha li, anke jekk applikabbli mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, jipprojbixxu, ifixklu jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment (ara, b'mod partikolari, sentenzi tal-21 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-140/03, EU:C:2005:242, punt 27, u tal-21 ta' Ottubru 2010, Idryma Typou, C-81/09, EU:C:2010:622, punt 54).

49 L-imsemmi kunċett ikopri b'hekk il-miżuri meħuda minn Stat Membru li, minkejja applikabbli mingħajr distinzjoni, jaffettwaw l-aċċess għas-suq għall-impriżi ta' Stati Membri oħra u jostakolaw għalhekk il-kummerċ intra-Komunitarju (ara, b'mod partikolari, sentenza tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-518/06, EU:C:2009:270, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Fir-rigward tal-aċċess għas-suq ta' Stat Membru li għandu b'hekk jiġi ggarantit, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-għan tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita fl-Artikolu 49 TFUE huwa li ċittadin ta' Stat Membru jew persuna ġuridika stabbilita f'dan l-Istat joħloq stabbiliment sekondarju fi Stat Membru ieħor sabiex jeżerċita l-attivitajiet tiegħu u tiġi mħeġġa l-interpenetrazzjoni ekonomika u soċjali ġewwa l-Unjoni fil-qasam tal-attivitajiet ta' persuna li taħdem għal rasha. Il-libertà ta' stabbiliment hija intiża, għal dan il-għan, sabiex tippermetti lil ċittadin jew persuna ġuridika tal-Unjoni jipparteċipa, b'mod stabbli u kontinwu, fil-ħajja ekonomika ta' Stat Membru differenti mill-Istat Membru ta' oriġini tiegħu u li jibbenefika minnha billi jeżerċita b'mod effettiv, fl-Istat Membru ospitanti, attività ekonomika permezz ta' installazzjoni stabbli u għal żmien indeterminat (ara, b'mod partikolari, sentenza tat-23 ta' Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-179/14, EU:C:2016:108, punt 148 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Il-kunċett ta' stabbiliment jippreżupponi, konsegwentement, installazzjoni reali tal-kumpannija kkonċernata f'dan l-Istat u l-eżerċizzju ta' attività ekonomika effettiva fih (ara, b'mod partikolari, sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, VALE, C-378/10, EU:C:2012:440, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 L-eżerċizzju effettiv tal-libertà ta' stabbiliment jimplika b'hekk, b'mod partikolari, bħala addizzjoni neċessarja għaliha, li s-sussidjarja, l-aġenzija jew il-fergħa maħluqa minn persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru ieħor tkun tista', skont il-każ, u jekk l-attività li hija jkollha l-intenzjoni li teżerċita tkun teħtieġ, timpjega ħaddiema f'dan l-Istat Membru (ara, f'dan is-sens, sentenza tal-10 ta' Lulju 1986, Segers, 79/85, EU:C:1986:308, punt 15).

53 Tali eżerċizzju jimplika, fil-prinċipju, ukoll, il-libertà li tiġi ddeterminata n-natura u l-portata tal-attività ekonomika li tkun ser tiġi eżerċitata fl-Istat Membru ospitanti u b'mod partikolari d-daqs tal-installazzjonijiet stabbli u n-numru ta' ħaddiema meħtieġa għal dan il-għan, kif ukoll, kif irreleva l-Avukat Ġenerali fil-punt 65 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-libertà li jitnaqqas, sussegwentement, il-volum ta' din l-attività jew anki r-rinunzja, jekk ikun il-każ, għaliha u għall-imsemmi stabbiliment.

54 Għandu jiġi enfasizzat, f'dawn id-diversi rigwardi, li, skont il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija l-possibbiltà stess, għal tali stabbiliment, li jwettaq tkeċċija kollettiva li hija f'dan il-każ suġġetta għal rekwiżit ta' assenza ta' oppożizzjoni mill-awtorità pubblika kompetenti. Issa, id-deċiżjoni li ssir tkeċċija kollettiva tikkostitwixxi deċiżjoni fundamentali fil-ħajja ta' impriża (ara, b'analoġija, fir-rigward tad-deċiżjoni dwar xoljiment volontarju, id-diviżjoni jew l-amalgamazzjoni, sentenza tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-463/00, EU:C:2003:272, punt 79).

55 Għandu jiġi kkonstatat, f'dan ir-rigward, li tali leġiżlazzjoni nazzjonali tikkostitwixxi ndħil sostanzjali f'ċerti libertajiet li jgawdu minnhom, ġeneralment, l-operaturi ekonomiċi (ara, b'analoġija, sentenza tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-518/06, EU:C:2009:270, punt 66). Hija f'riskju l-libertà ta' tali operaturi li jikkuntrattaw mal-ħaddiema sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom jew inkella dik li jtemmu, għar-raġunijiet tagħhom, l-attività tal-istabbiliment, kif ukoll il-libertà ta' deċiżjoni fir-rigward ta' jekk u meta jkollhom proġett ta' tkeċċija kollettiva, skont, b'mod partikolari, il-fatturi bħat-twaqqif jew it-tnaqqis tal-attività tal-impriża, it-tnaqqis fit-talba tal-prodott li jiffabbrikaw jew, inkella, wara riorganizzazzjoni tal-impriża indipendenti fil-livell ta' attivitajiet ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, sentenzi tat-12 ta' Frar 1985, Dansk Metalarbejderforbund u Specialarbejderforbundet i Danmark, 284/83, EU:C:1985:61, punt 15, kif ukoll tat-8 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-383/92, EU:C:1994:234, punti 29 u 32).

56 Leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija għalhekk ta' natura li trendi inqas attraenti aċċess għas-suq Grieg u, f'każ ta' aċċess għal dan is-suq, li tnaqqas konsiderevolment, jew anki li tħassar il-possibbiltajiet, għall-operaturi ta' Stati Membri oħra li jkunu għażlu li jinstallaw ruħhom fuq suq ġdid, li jifformulaw, sussegwentement, l-attività tagħhom fuq dan is-suq jew li jirrinunzjaw, billi jisseparaw ruħhom, f'dawn iċ-ċirkustanzi, mill-ħaddiema li kienu preċedentement ġew impjegati.

57 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li tali leġiżlazzjoni nazzjonali tikkostitwixxi ostakolu gravi għall-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment fil-Greċja.

58 Fir-rigward tal-Artikolu 63 TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital, jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni l-investimenti diretti fil-forma ta' sehem f'impriża permezz taż-żamma ta' azzjonijiet li jagħtu l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni effettiva fit-tmexxija u fil-kontroll tagħha, kif ukoll l-investiment ta' portfolio, jiġifieri x-xiri ta' titoli fuq is-suq tal-kapital magħmul bl-intenzjoni biss li jitwettaq investiment finanzjarju mingħajr l-intenzjoni li tiġi influwenzata t-tmexxija u l-kontroll tal-impriża (ara sentenza tal-21 ta' Ottubru 2010, Idryma Typou, C-81/09, EU:C:2010:622, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, madankollu, huwa paċifiku li l-kumpannija li kellha l-intenzjoni li twettaq tkeċċijiet kollettivi hija kumpannija li grupp multinazzjonali ta' kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor għandu sehem maġġoritarju fil-kapital tagħha li jippermettilu li jeżerċita influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet tal-imsemmija kumpannija u li jiddetermina l-attivitajiet tagħha u li tali każ inkwistjoni jaqa', kif ġie rrilevat fil-punt 47 ta' din is-sentenza, taħt il-libertà ta' stabbiliment. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fl-ipoteżi li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipproduċi effetti restrittivi fuq il-moviment liberu tal-kapital, dawn ikunu, fil-kuntest ta' tali kawża, il-konsegwenza inevitabbli ta' eventwali ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment u ma tiġġustifikax eżami awtonomu fid-dawl tal-Artikolu 63 TFUE (ara, f'dan is-sens, sentenzi tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-326/07, EU:C:2009:193, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-244/11, EU:C:2012:694, punt 30).

60 Għaldaqstant, ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata separatament il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl tar-regoli tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-kapital.

– Fuq l-eventwali ġustifikazzjoni

61 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tista' tiġi aċċettata biss jekk tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. F'sitwazzjoni bħal din, huwa wkoll neċessarju li din tkun adattata sabiex tiżgura li l-għan inkwistjoni jkun milħuq u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan (ara, b'mod partikolari, sentenzi tad-29 ta' Novembru 2011, National Grid Indus, C-371/10, EU:C:2011:785, punt 42 u ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-23 ta' Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-179/14, EU:C:2016:108, punt 166).

62 Kif tfakkar, fil-kuntest ta' din il-kawża, il-qorti tar-rinviju, hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta għandhom japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni u li għandhom, għalhekk, jiġu osservati meta leġiżlazzjoni nazzjonali tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dritt (ara, b'mod partikolari, sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punti 19 sa 21).

63 Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta leġiżlazzjoni nazzjonali hija ta' natura li tostakola libertà jew libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat u meta l-Istat Membru kkonċernat jinvoka raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali sabiex jiġġustifika tali ostakolu. F'tali ipoteżi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata tkun tista' tibbenefika minn eċċezzjonijiet hekk previsti biss jekk tikkonforma

mad-drittijiet fundamentali li Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom (ara sentenzi tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT, C-260/89, EU:C:1991:254, punt 43, kif ukoll tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et*, C-390/12, EU:C:2014:281, punt 35).

64 Fil-fatt, dan l-obbligu ta' konformità mad-drittijiet fundamentali jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u, konsegwentement, taħt dak tal-Karta. L-użu, minn Stat Membru, ta' eċċezzjonijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni sabiex jiġġustifika ostakolu għal libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat għandu, għalhekk, jiġi kkunsidrat bħala li "jimplementa d-dritt tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta (ara sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et*, C-390/12, EU:C:2014:281, punt 36).

65 Issa, kif ġie rrilevat fil-punti 54 sa 57 ta' din is-sentenza, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment. Peress li, sabiex tiġi ġġustifikata din ir-restrizzjoni, huma invokati, skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju msemmija fil-punt 22 ta' din is-sentenza, raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, l-imsemmija leġiżlazzjoni tista' tibbenefika minn tali ġustifikazzjoni biss jekk tkun konformi mad-drittijiet fundamentali.

66 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tillimita, kif irrelevat il-qorti tar-rinviju, l-eżerċizzju tal-libertà tal-impriża stabbilit fl-Artikolu 16 tal-Karta.

67 Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, diġà ddeċidiet li l-protezzjoni mogħtija minn din l-aħħar dispożizzjoni tinvolvi l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew kummerċjali, il-libertà ta' kuntrattazzjoni, kif ukoll il-kompetizzjoni libera (sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 42).

68 Fir-rigward tal-libertà ta' kuntrattazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fir-rigward tan-negozjazzjoni ta' ftehimiet kollettivi ta' impjieg, li l-Artikolu 16 tal-Karta jimplika b'mod partikolari li impriża għandu jkollha l-possibbiltà li tasserixxi l-interessi tagħha b'mod effikaċi fi proċess kuntrattwali li tipparteċipa fih u li tinnegozja l-elementi li jiddeterminaw l-iżviluppi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati tagħha fid-dawl tal-attività ekonomika futura tagħha (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Alemo-Herron *et*, C-426/11, EU:C:2013:521, punt 33).

69 B'hekk ma jistax jiġi kkontestat li l-implementazzjoni ta' sistema ta' kontroll tat-tkeċċijiet kollettivi bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi ndħil fl-eżerċizzju tal-libertà tal-impriża u, b'mod partikolari, tal-libertà ta' kuntrattazzjoni li għandhom bħala prinċipju l-impriżi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħaddiema li jimpjegaw, peress li huwa paċifiku li, abbażi ta' din is-sistema, l-oppożizzjoni tal-awtorità nazzjonali għal ċerti proġetti ta' tkeċċija kollettiva tista' twassal biex tfixkel il-konkretizzazzjoni ta' dawn mill-persuna li timpjega.

70 F'dan ir-rigward, għandu madankollu jitfakkar li l-Artikolu 52(1) tal-Karta jippermetti li jkun hemm limitazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' drittijiet stipulati minnu sakemm dawn il-limitazzjonijiet ikunu previsti mil-liġi, jirrispettaw il-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u libertajiet u li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, huma meħtieġa u jissodisfaw b'mod effettiv l-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor (ara, b'mod partikolari, sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, McDonagh, C-12/11, EU:C:2013:43, punt 61).

– Fuq ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali

71 Il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħti lill-awtorità nazzjonali kompetenti, fl-assenza ta' ftehim bejn il-persuna li timpjega u r-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar proġett ta' tkeċċija kollettiva, is-setgħa li ma tawtorizzax it-tkeċċija kollettiva intiża, tistabbilixxi tliet kriterji li din l-awtorità hija

mitluba tieħu inkunsiderazzjoni fl-eżami tal-fajl li jkollha quddiemha, jiġifieri, rispettivament, il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, is-sitwazzjoni tal-impriża u l-interess tal-ekonomija nazzjonali. Minn dan jirriżulta, kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju fid-digriet tar-rinviju tagħha, li l-għanijiet ta' interess ġenerali f'dan il-każ intiżi minn din il-leġiżlazzjoni jirrigwardaw kemm il-protezzjoni tal-ħaddiema u l-ġlieda kontra l-qgħad kif ukoll is-salvagwardja tal-interess tal-ekonomija nazzjonali.

72 Fir-rigward tas-salvagwardja tal-interessi tal-ekonomija nazzjonali, hija ġurisprudenza stabbilita li motivi ta' natura purament ekonomika bħal, b'mod partikolari, il-promozzjoni tal-ekonomija nazzjonali jew il-funzjonamnet tajjeb tagħha, ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni għal ostakoli pprojbiti mit-Trattat (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, sentenzi tal-5 ta' Ġunju 1997, SETTG, C-398/95, EU:C:1997:282, punti 22 u 23; tas-6 ta' Ġunju 2000, Verkooijen, C-35/98, EU:C:2000:294, punti 47 u 48, kif ukoll tal-4 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-367/98, EU:C:2002:326, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 Min-naħa l-oħra, fost l-interssi imperattivi ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja tinsab il-protezzjoni tal-ħaddiema (ara, b'mod partikolari, sentenzi tat-23 ta' Novembru 1999, Arblade *et*, C-369/96 u C-376/96, EU:C:1999:575, punt 36; tat-13 ta' Diċembru 2005, SEVIC Systems, C-411/03, EU:C:2005:762, punt 28, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2007, International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union, C-438/05, EU:C:2007:772, punt 77).

74 L-istess japplika għall-promozzjoni tal-impjieg u tal-impjegar li, peress li huma intiżi sabiex inaqqsu l-qgħad, jikkostitwixxu għan leġittimu ta' politika soċjali (ara, f'dan is-sens, sentenzi tal-11 ta' Jannar 2007, ITC, C-208/05, EU:C:2007:16, punti 38 u 39; tat-18 ta' Jannar 2007, Confédération générale du travail *et*, C-385/05, EU:C:2007:37, punt 28, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2012, Caves Krier Frères, C-379/11, EU:C:2012:798, punt ,51).

75 B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat li kunsiderazzjonijiet dwar iż-żamma tal-impjieg jistgħu jikkostitwixxu, f'ċerti ċirkustanzi u taħt ċerti kundizzjonijiet, ġustifikazzjonijiet aċċettabbli għal leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha l-għan li tostakola l-libertà ta' stabbiliment (ara, f'dan is-sens, sentenza tal-25 ta' Ottubru 2007, Geurts u Vogten, C-464/05, EU:C:2007:631, punt 26).

76 Għandu jingħad ukoll, f'dak li jikkonċerna r-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali mfakkra fil-punti 73 sa 75 ta' din is-sentenza, li, kif jirriżulta mill-Artikolu 3(3) TUE, l-Unjoni tistabbilixxi mhux biss suq intern, iżda taħdem ukoll għall-iżvilupp fit-tul tal-Ewropa, li hija b'mod partikolari bbażata fuq ekonomija soċjali ta' suq kompetittiv ħafna, li jimmira għal livell għoli ta' impjieg u għall-progress soċjali, u tippromwovi, b'mod partikolari, il-protezzjoni soċjali (ara, rigward it-Trattat KE, sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union, C-438/05, EU:C:2007:772, punt 78).

77 Peress li l-Unjoni ma għandhiex biss għan ekonomiku, iżda wkoll għan soċjali, id-drittijiet li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital għandhom jiġu bbilanċjati mal-għanijiet intiżi mill-politika soċjali, fosthom, kif jirriżulta mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, il-promozzjoni tal-impjieg, it-titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, li jippermetti li dawn ikollhom l-istess progress, protezzjoni soċjali adegwata u d-djalogu soċjali, l-iżvilupp tar-riżorsi umani li jippermettu livell ta' impjieg għoli u għal żmien twil u l-ġlieda kontra l-esklużjoni (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattat KE, sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union, C-438/05, EU:C:2007:772, punt 79).

78 F'dan l-istess ħsieb, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 147 (1) TFUE, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' impjieg billi tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u billi ssostni u, jekk ikun meħtieġ, tikkomplementa l-azzjoni tagħhom, filwaqt li jiġu rrispettati kompletament il-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 147(2) TFUE jistabbilixxi li l-għan li jikkonsisti f'li jintlaħaq livell għoli ta' impjieg għandu

jittieħed inkunsiderazzjoni fid-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-politika u tal-azzjonijiet tal-Unjoni. L-Artikolu 9 TFUE, fl-aħħar nett jippreċiża li, fid-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-politika u tal-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tieħu b'mod partikolari inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg u l-garanzija ta' protezzoni soċjali adegwata.

– Fuq il-proporzjonalità

79 Issa għandu jiġi vverifikat jekk ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà ta' impriża li toħloq leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tiġi ġġustifikata mir-raġunijiet ta' interess ġenerali identifikati fil-punti 73 sa 75 ta' din is-sentenza, jiġifieri l-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-impjieg.

80 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 61 ta' din is-sentenza, sabiex dan ikun il-każ, l-imsemmija restrizzjonijiet għandhom ikunu tali li jiggarantixxu l-għan ta' interess ġenerali li huma għandhom u li ma jkunux imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq.

81 F'dan ir-rigward, huwa wkoll importanti li jitfakkar li, għalkemm, kif enfasizzat ripetutament il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla tal-miżuri li jistgħu jwettqu l-għanijiet tal-politika soċjali tagħhom, xorta jibqa' l-fatt li dan il-marġni ta' diskrezzjoni ma jistax jiġġustifika li jiġu ppreġudikati d-drittijiet li l-individwi għandhom abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-trattati li jistabbilixxu l-libertajiet fundamentali tagħhom (ara, f'dan is-sens, sentenzi tal-11 ta' Jannar 2007, ITC, C-208/05, EU:C:2007:16, punti 39 u 40; tat-18 ta' Jannar 2007, Confédération générale du travail *et*, C-385/05, EU:C:2007:37, punti 28 u 29, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2012, Caves Krier Frères, C-379/11, EU:C:2012:798, punti 51 u 52).

82 Barra minn hekk, u kif tfakkar fil-punt 70 ta' din is-sentenza, il-limitazzjonijiet li saru għall-eżerċizzju liberu tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, u f'dan il-każ għal-libertà tal-impriża stabbiliti fl-Artikolu 16 ta' din, għandhom ukoll jirrispettaw il-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u libertajiet.

83 F'dawn id-diversi rigwardi, fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li s-sempliċi fatt għal Stat Membru li jipprovdi, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, li l-proġetti ta' tkeċċijiet kollettivi għandhom, qabel kwalunkwe implementazzjoni, jiġu nnotifikati lil awtorità nazzjonali, li għandha s-setgħa ta' kontroll li tippermettilha, f'ċerti ċirkustanzi, li topponi tali proġett minħabba motivi relatati mal-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-impjieg, ma jistax jiġi kkunsidrat li huwa kuntrarju għal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mill-Artikolu 49 TFUE u lanqas għal-libertà tal-impriża stabbilita fl-Artikolu 16 tal-Karta.

84 Fil-fatt, minn naħa, mekkaniżmu li jikkontrolla t-tkeċċijiet kollettivi bħal dak deskritt fil-punt preċedenti ma jidhirx bħala prinċipju, ta' natura li jaffettwa l-kontenut essenzjali tal-libertà tal-impriża stabbilit fl-Artikolu 16 tal-Karta.

85 Jekk, kif ġie rrilevat fil-punt 69 ta' din is-sentenza, l-implementazzjoni ta' tali sistema ta' kontroll tkun tikkostitwixxi ndħil fl-eżerċizzju tal-libertà tal-impriża u, b'mod partikolari, tal-libertà ta' kontratazzjoni li għandhom l-impriżi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħaddiema li huma jimpjegaw, għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-libertà tal-impriża ma hijiex dritt assolut, iżda għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-funzjoni tagħha fis-soċjetà (ara, b'mod partikolari, sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 45 u ġurisprudenza ċċitata).

86 Abbażi ta' din il-ġursprudenza u fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 16 tal-Karta, li jiddistingwi ruħu mill-kliem tal-libertajiet fundamentali l-oħra stabbiliti fit-Titolu II tagħha filwaqt li joqrob lejn il-kliem ta' ċerti dispożizzjonijiet tat-Titolu IV ta' din l-istess Karta, din il-libertà tal-impriża tista' tiġi

suġġetta għal firxa wiesgħa ta' interventi min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jistabbilixxu, fl-interess ġenerali, limiti għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika (sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 46).

87 Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha ċerti impriżi ma kellhom ebda possibbiltà li jipparteċipaw fl-organu ta' negozjati kollettivi sabiex jiġi deċiż dwar ftehimiet kollettivi, u għaldaqstant, l-ebda fakultà li jsostnu effettivament l-interessi tagħhom fi proċedura kuntrattwali jew li jinnegozjaw l-elementi li jiddeterminaw l-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-impjegati tagħhom fid-dawl ta' attività ekonomika futura tiegħu, li, f'każ bħal dan, il-libertà kuntrattwali tal-imsemmija impriżi hija serjament imnaqqsa sal-punt li tali limitazzjoni tista' tippreġudika s-sustanza nnifisha tad-dritt tagħhom għal-libertà ta' impriża (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Alemo-Herron *et*, C-426/11, EU:C:2013:521, punti 34 u 35).

88 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, f'dan il-każ, li sistema bħal dik deskritta fil-punt 83 ta' din is-sentenza ma għandha, min-naħa tagħha, bl-ebda mod il-konsegwenza li teskludi, min-natura tagħha stess, il-possibbiltà li jsiru tkeċċijiet kollettivi min-naħa tal-impriżi, peress li tfittex biss li tikkontrolla din il-possibbiltà. Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkunsidrat li tali sistema taffettwa l-kontenut essenzjali tal-libertà tal-impriża.

89 Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li l-Artikolu 52(1) tal-Karta jippermetti li jsiru limitazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' drittijiet stabbiliti minnha, sakemm, b'mod partikolari, fir-rispett tal-prinċipju ta' proporzjonalità, dawn ikunu neċessarji u jirrispondu effettivament għal għanijiet ta' interessi ġenerali rrikonoxxuti jew għall-bżonn ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-oħrajn. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 30 tal-Karta jistabbilixxi li kull ħaddiem għandu dritt għal protezzjoni kontra tkeċċija inġusta, skont il-liġi tal-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

90 B'hekk sistema nazzjonali ta' kontroll bħal dik imsemmija fil-punt 83 ta' din is-sentenza għandha, f'dan il-qasam sensittiv, twassal għal konċiljazzjoni u ekwilibriju ġust bejn l-interessi marbuta mal-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-impjieg, b'mod partikolari kontra t-tkeċċijiet inġusti u kontra l-konsegwenzi tat-tkeċċijiet kollettivi għall-ħaddiema, u, dawk relatati mal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà tal-impriża tal-operaturi ekonomiċi li jistabbilixxu l-Artikoli 49 TFUE u 16 tal-Karta.

91 Id-deċiżjonijiet inkwistjoni f'dan il-każ huma deċiżjonijiet ekonomiċi u kummerċjali li jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq l-impjieg u numru sostanzjali ta' ħaddiema fi ħdan impriża (ara, f'dan is-sens, sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Akavan Erityisalojen Keskusliitto AEK *et*, C-44/08, EU:C:2009:533, punt 37).

92 Issa, fid-dawl tal-portata potenzjali tal-imsemmija riperkussjonijiet, mekkaniżmu ta' kontroll tat-tkeċċijiet kollettivi bħal dak deskritt fil-punti 83 u 90 ta' din is-sentenza jista', fl-assenza, unikament, tar-regoli kollha tad-dritt tal-Unjoni intiżi sabiex jiġu mwaqqfa tali tkeċċijiet u li jmorru lil hinn mill-oqsma tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni koperti mid-Direttiva 98/59, ikun ta' natura li jikkontribwixxi sabiex jissaħħaħ il-livell ta' protezzjoni effettiva tal-ħaddiema u tal-impjieg tagħhom, billi jirregola, sostantivament, it-teħid ta' tali deċiżjonijiet ekonomiċi u kummerċjali mill-impriżi. Tali mekkaniżmu għalhekk huwa tali li jiggarantixxi t-twettiq tal-għanijiet ta' interess ġenerali intiżi.

93 Barra minn hekk, fid-dawl tal-marġni ta' evalwazzjoni li għandhom l-Istati Membri fit-tmexxija tal-politika soċjali tagħhom, dawn huma ġġustifikati, bħala prinċipju, li jqisu l-eżistenza ta' tali mekkaniżmu ta' kontroll bħala neċessarja sabiex jiġi ggarantit livell imsaħħaħ ta' protezzjoni tal-ħaddiema u tal-impjieg tagħhom. B'mod partikolari, ma jidhirx li miżuri ta' tip inqas vinkolanti jiżguraw it-twettiq tal-għanijiet hekk intiżi b'mod daqstant effettiv daqs dak li jirriżulta mill-implementazzjoni ta' tali kontroll.

94 Hekk ikkunsidrat fil-prinċipju tiegħu, tali kontroll tal-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jitwettqu tkeċċijiet kollettivi jista' għalhekk jissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipji ta' proporzjonalità, u, għaldaqstant, li jkunu kompatibbli, minn din il-perspettiva, mal-Artikoli 49 TFUE u 16 tal-Karta.

95 Fit-tieni lok, għandu jiġi vverifikat jekk il-modi konkreti li jikkaratterizzaw, f'dan il-każ, is-sistema ta' kontroll tat-tkeċċijiet kollettivi li tipprovdi l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u speċifikament, it-tliet kriterji li l-awtorità pubblika kompetenti għandha tieħu inkunsiderazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk topponix jew le tkeċċija kollettiva, humiex ta' natura li jiġi żgurat ir-rispett effettiv tar-rekwiżiti mfakkra fil-punti 79 sa 82 ta' din is-sentenza.

96 F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat, mill-ewwel, li l-kriterju tal-"interess ġenerali tal-ekonomija ġenerali" li tirreferi għalih l-imsemmija leġiżlazzjoni ma jistax jiġi aċċettat.

97 Fil-fatt, projbizzjoni li ssir tkeċċija kollettiva li hija b'mod partikolari mmotivata mill-ħsieb li jiġi evitat li settur ekonomiku, u għalhekk l-ekonomija tal-pajjiż, isofri l-konsegwenzi negattivi ta' din it-tkeċċija, għandha tiġi kkunsidrata li għandha għan ta' natura ekonomika li, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 72 ta' din is-sentenza u kif fakkar l-Avukat Ġenerali fil-punt 66 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma tistax tikkostitwixxi raġuni ta' interess ġenerali li tiġġustifika restrizzjoni ta' libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat (ara, b'analoġija, sentenza tal-5 ta' Ġunju 1997, SETTG, C-398/95, EU:C:1997:282, punt 23).

98 Min-naħa l-oħra, fir-rigward taż-żewġ kriterji ta' evalwazzjoni l-oħra li tirreferi għalihom il-leġiżlazzjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri s-"sitwazzjoni tal-impriża" u l-"kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol", dawn jidhru, *a priori*, ċertament, li jistgħu jkunu relatati mal-għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali li huma l-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-impjieg.

99 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li tali kriterji huma fformulati b'mod ġenerali ħafna u impreċiż. Issa, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, meta setgħat ta' intervent ta' Stat Membru jew ta' awtorità pubblika, bħas-setgħat ta' oppożizzjoni li f'dan il-każ għandu l-Ministru, ma jkunu suġġetti għall-ebda kundizzjoni, ħlief għal referenza għal tali kriterji miktuba f'termini ġenerali, mingħajr ma jkunu speċifikati ċ-ċirkustanzi speċifiċi u oġġettivi li fihom dawn jistgħu jiġu eżerċitati, dan jikkostitwixxi dannu gravi għal-libertà kkonċernata, li jista' jwassal, bħal f'dan il-każ, għal deċiżjonijiet li n-natura fundamentali tagħhom fil-ħajja ta' impriża tkun diġà ġiet enfasizzata fil-punt 54 ta' din is-sentenza, bl-esklużjoni tal-imsemmija libertà (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Franza, C-483/99, EU:C:2002:327, punti 50 u 51, kif ukoll tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-326/07, EU:C:2009:193, punti 51 u 52).

100 Anki jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tindika li s-setgħa li ma tiġix awtorizzata t-tkeċċija kollettiva li għandha f'dan il-każ l-awtorità pubblika għandha tiġi eżerċitata permezz ta' analiżi tal-fajl, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-impriża kif ukoll tal-kundizzjonijiet tas-suq u tal-impjieg u tagħti lok għal deċiżjoni motivata, għandu jiġi kkonstatat li, fl-assenza ta' preċiżazzjonijiet dwar iċ-ċirkustanzi konkreti fejn is-setgħa inkwistjoni tista' tiġi eżerċitata, il-persuni li jimpjegaw ikkonċernati ma jafux f'liema ċirkustanzi speċifiċi u oġġettivi din is-setgħa tista' tiġi applikata, peress li s-sitwazzjonijiet li jippermettu li tiġi eżerċitata din tal-aħħar huma potenzjalment numerużi, indeterminati u indeterminabbli u li jħallu lill-awtorità kkonċernata marġni ta' diskrezzjoni diffiċilment kontrollabbli. Tali kriterji li ma humiex preċiżi u li għalhekk ma humiex ibbażati fuq kundizzjonijiet oġġettivi u kontrollabbli jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet indikati u ma jistgħux għaldaqstant jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, f'dan is-sens, sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Franza, C-483/99, EU:C:2002:327, punti 51 u 53; tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-326/07, EU:C:2009:193, punti 66 u 72, kif ukoll tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-244/11, EU:C:2012:694, punti 74 sa 77 u 86).

101 Barra minn hekk, kif jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm il-fatt li l-eżerċizzju ta' tali setgħa ta' oppożizzjoni jista' jiġi suġġett għall-istħarriġ ta' qorti nazzjonali huwa neċessarju għall-protezzjoni tal-impriżi fid-dawl tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-libertà ta' stabbiliment, madankollu din waħidha ma hijiex biżżejjed sabiex tirrimedja għall-inkompatibbiltà ma' dawn ir-regoli ta' żewġ kriterji ta' evalwazzjoni msemmija iktar 'il fuq (ara, f'dan is-sens, sentenza tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-326/07, EU:C:2009:193, punti 54 u 72), peress li, b'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni kkonċernata ma tipprovdix lill-qorti nazzjonali iktar kriterji biżżejjed preċiżi sabiex tippermettilha tistħarreġ l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtorità amministrattiva (ara, f'dan is-sens, sentenza tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-463/00, EU:C:2003:272, punt 79).

102 Minn dan isegwi li sistema ta' kontroll u ta' oppożizzjoni bħal dik stabbilita mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmur kontra, minħabba l-metodi konkreti tagħha, ir-rekwiżiti mfakkra fil-punt 61 ta' din is-sentenza u tikser, għalhekk, l-Artikolu 49 TFUE.

103 Għall-istess raġunijiet, tali leġiżlazzjoni tikser ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità previst fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u, għaldaqstant, l-Artikolu 16 tagħha.

104 Fid-dawl ta' dak kollu li jippreċedi, ir-risposta għat-tieni parti tal-ewwel domanda hija li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha persuna li timpjega tista', fl-assenza ta' ftehim mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fuq proġett ta' tkeċċija kollettiva, tipproċedi b'tali tkeċċija biss bil-kundizzjoni li l-awtorità pubblika nazzjonali kompetenti li għandha tiġi nnotifikata bil-proġett ma tadottax, fit-terminu previst mill-imsemmija leġiżlazzjoni u wara eżami tal-fajl u evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, tas-sitwazzjoni tal-impriża kif ukoll tal-interess tal-ekonomija nazzjonali, deċiżjoni motivata li ma tawtorizzax it-twettiq tat-tkeċċijiet previsti kollha jew uħud minnhom.

Fuq it-tieni domanda

105 Permezz tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk, fl-ipoteżi li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li d-Direttiva 98/59 u/jew l-Artikolu 49 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tali leġiżlazzjoni nazzjonali tistax madankollu tkun kompatibbli ma' dawn id-dispożizzjonijiet minħabba raġunijiet soċjali serji, f'kuntest ikkaratterizzat minn kriżi ekonomika gravi u rata ta' qgħad partikolarment għolja.

106 Fir-rigward, l-ewwel nett, tad-Direttiva 98/59, għandu jiġi ppreċiżat li, fl-ipoteżi li l-qorti nazzjonali tikkonstata, matul l-eżami msemmi fil-punti 43 u 44 ta' din is-sentenza, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija ta' natura li ċċaħħad id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva mill-effett utli tagħhom b'mod li tmur kontra din tal-aħħar, il-fatt li l-kuntest nazzjonali huwa kkaratterizzat minn kriżi ekonomika gravi u rata ta' qgħad partikolarment għolja lanqas ma jawtorizza lil Stat Membru jneħħi l-effettività tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva, peress li din tal-aħħar, fil-fatt, ma tinkludi l-ebda klawżola ta' salvagwardja bl-effett li tawtorizza eċċezzjonalment deroga għad-dispożizzjonijiet ta' armonizzazzjoni li tinkludi fil-preżenza ta' tali kuntest nazzjonali.

107 F'dak li jikkonċerna, fit-tieni nett, l-Artikolu 49 TFUE, għandu jitfakkar li, barra mill-possibbiltà li ċerti ostakoli għal-libertà ta' stabbiliment li jirriżultaw minn miżuri nazzjonali jistgħu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u fil-kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 61 ta' din is-sentenza, ikunu ġġustifikati fid-dawl ta' ċerti raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, it-trattati ma jipprovdux, min-naħa l-oħra, li huwa possibbli, minbarra l-imsemmija ipoteżi, li ssir deroga għal din id-dispożizzjoni tad-dritt

primarju jew li din tkun tista', kif jidher li tissuġġerixxi l-qorti tar-rinviju permezz tat-tieni domanda tagħha, purament u sempliċement titwarrab, minħabba l-fatt li jkun jeżisti kuntest nazzjonali bħal dak imsemmi fil-punt 105 ta' din is-sentenza.

108 Fid-dawl ta' dak li jippreċedi, ir-risposta għat-tieni domanda hija li l-eżistenza eventwali, fi Stat Membru, ta' kuntest ikkaratterizzat minn kriżi ekonomika gravi u rata ta' qgħad partikolarment għolja, ma hijiex ta' natura li taffettwa r-risposti mogħtija għall-ewwel domanda.

Fuq l-ispejjeż

109 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies [tkeċċijiet] kollettivi, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li abbażi tagħha persuna li timpjega tista', fl-assenza ta' ftehim mar-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar proġett ta' tkeċċija kollettiva, tipproċedi b'tali tkeċċija biss bil-kundizzjoni li l-awtorità pubblika nazzjonali kompetenti li għandha tiġi nnotifikata b'dan il-proġett ma tadottax, fit-terminu previst mill-imsemmija leġiżlazzjoni u wara eżami tal-fajl u evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, tas-sitwazzjoni tal-impriża kif ukoll tal-interess tal-ekonomija nazzjonali, deċiżjoni motivata li ma tawtorizzax it-twettiq ta' parti mit-tkeċċijiet proposti jew it-tkeċċijiet kollha. Ikun differenti jekk ikun il-każ, li hija, skont il-każ, il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, li, fid-dawl tat-tliet kriterji ta' evalwazzjoni li tirreferi għalihom din il-leġiżlazzjoni u tal-applikazzjoni konkreta tagħha li twettaq l-imsemmija awtorità pubblika taħt l-istħarriġ tal-qrati kompetenti, l-imsemmija leġiżlazzjoni għandha l-konsegwenza li ċċaħħad id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva mill-effettività tagħhom.**

   L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik imsemmija fl-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu ta' dan il-punt.

2) **L-eżistenza eventwali, fi Stat Membru, ta' kuntest ikkaratterizzat minn kriżi ekonomika gravi u rata ta' qgħad partikolarment għolja, ma hijiex ta' natura li taffettwa r-risposti mogħtija fil-punt 1 ta' dan id-dispożittiv.**

Firem